MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 965/2004

**Il-Pulizija**

**(Spt. Anthony Cassar)**

**(Spettur Claudine Vella)**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

–**Omissis–**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **–Omissis–**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **–Omissis–**;

Talli f'Palm Street, Haz-Zabbar, Tas-Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar il-Hadd 7 ta' Novembru, 2004, f'diversi hinijiet tal-gurnata;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 1576 Simon Grech u l-Kuntistabbli 1606 Robert Vassallo billi saq il-vettura Toyota MR2 ta' lewn ahmar, bin-numru tar-registrazzjoni **–Omissis–** fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-imsemmija PC 1576 S. Grech u ta' PC 1606 R. Vassallo f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom, liema offizi huma ta' natura hafifa u dan skond ma ccertifika Dr. J. Agius Muscat MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

3. Ingurja, hedded u ghamel offizi fuq il-persuni ta' l-imsemmija PC 1576 S. Grech u PC 1606 R. Vassallo li huma inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess PC 1576 S. Grech u PC 1606 R. Vassallo persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew b'ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

5. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm u ssekwestra lill-istess –**Omissis–** kontra l-volonta' tieghu jew ta' l-istat, jew ta' l-post sabiex l-istess minuri jigi arrestat, mizmum jew issekwestrat;

6. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

7. Iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

8. Xjentement gieghel, hajjar jew ta' ghajnuna jew b'xi mod iehor ghen jew assista lil **–Omissis–** ta' disa' snin, biex jahrab jew biex ikun, jew biex jibqa' nieqes mis-Saint Patrick School, Triq San Gwann Bosco, Sliema;

9. Seraq, b'qerq jew b'seduzzjoni, lill-imsemmi –**Omissis–** li huwa persuna minuri taht l-eta' ta' tmintax-il sena, li kienet taht is-setgha tal-genituri, jew ta' tuturi, jew taht hsieb haddiehor, jew f'lok t'edukazzjoni;

10. Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura tal-ghamla Toyota MR2 bin-numru tar-registrazzjoni **–Omissis–**, jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor, meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

11. Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-istess vettura li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm, jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

12. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

13. Saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;

14. Ghad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti;

15. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.;

16. M'obdiex ordni legittima tal-awtorita' jew ta' persuni li jkunu nkarigat minn servizz pubbliku, jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

17. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

18. Saq il-vettura msemmija u cioe' bin-numru tar-registrazzjoni **–Omissis–**, minghajr licenzja tas-sewqan;

19. Saq il-vettura msemmija minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni;

20. Qal kliem jew espressjonijiet ta' daghha;

21. U aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-18 ta' Gunju, 2003, b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tapplika l-iskwalifika ta' l-istess **–Omissis–** minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Il-Qorti hija mitluba, jekk jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija pulizija, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-qorti.

Ghaldaqstant filwaqt li nesebixxu l-Fedina Penali u estratt mill-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi **–Omissis–** nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-15 ta' Frar 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm msemmi fl-artikoli 41, 216, 218, 221, 338(dd), 95,96, 86, 87, 110, 533 tal-Kodici Kriminali, 15(1)(a) tal-Kap 65 u 21 u 22 tal-Kap 446;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum fejn hemm registrat illi l-imputat ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, din il-Qorti qed tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat sabiex tkun protetta l-identita' ta' ibnu minuri;

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghal xejn anqas minn wiehed u ghoxrin akkuza konsegwenza tal-agir tieghu li jallontana lil ibnu ta' disa'

snin mill-kura u kustodja tad-dar ta' St. Patricks fejn kien qed jinzamm taht id-dispositiv ta' *care order.* Huwa fatt mhux kontestat, anzi ammess mill-imputat kif jemergi mid-deposizzjoni tieghu stess quddiem din il-Qorti, illi l-imputat kien jaf li ibnu kien qieghed fid-dar ta' St. Patricks rizultat ta' *care order* meta fil-jum tal-incident iddecieda li jmur johorgu minn hemm u hadu f'post fejn l-Pulizija ma kellhomx access ghalih. Minn dak il-hin, skattat tfittxija ghall-imputat u skond il-Pulizija, appena intercettawh, dan saq ghal fuqhom bil-vettura tieghu bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuqhom u meta waqaf aggredixxa lill-istess ufficjali tal-pulizja bil-konsegwenza li dawn garbu griehi ta' natura hafifa;

Illi din l-istampa izda hija hafna u hafna dubjuza ghal diversi ragunijiet. Minkejja dan l-attentat ta' sewqan ghal fuq il-pulizija, l-prosekuzzjoni ma titkellem xejn dwar dak li ta lok ghan-nuqqas tal-esekuzzjoni ta' dan l-att. Rizultat ta' din l-allegata rejazzjoni hekk vjolenti tal-imputat, l-unika konsegwenza taghha kienet girfa fuq wiehed mill-ufficjali tal-pulizija. Il-verzjoni tal-pulizija inghatat mill-ufficjali prosekuturi li ma kienux fuq ix-xena meta sehh l-incident u dawn setghu jghidu biss dak li rrapurtawlhom l-ufficjali taghhom. Id-deposizzjoni ta' PC 1576 u PC 43 moghtija quddiem din il-Qorti kienu sfilzati mill-atti processwali wara diversi seduti fejn il-prosekuzzjoni ma resqitx lil dawn tal-ahhar sabiex ikunu kontroezaminati mid-difiza. Issa, kontra l-istampa moghtija mill-prosekuzzjoni, hemm dik tal-imputat inniffsu korroborata b'dik ta' persuna li kien maghha proprju fil-hin tal-incident. L-imputat xehed illi t-tfal tieghu kienu ttiehdu mill-kura u kostodja tal-ex siehba tieghu wara li kienet inqabdet fil-pussess ta' droga. Huwa ma kienx jaf b'dan hlief wara xi zmien u kien rinfaccjat b'*care order* fuq l-istess tfal. Ta' kuljum kien imur jara lill-minuri involut fil-kaz odjern u meta ma felahx jarah jibki aktar ddeciedi li johorgu minn hemm kontra d-direttivi tal-istess *care order*. Dwar dan, il-Qorti minghajr tlaqliq tiddikjara illi hija deciza li din kienet decizzjoni hazina mhux biss ghall-imputat izda

aktar ghall-minuri li certament ghadda minn trauma li mhix facli tkun sorpassata u ta' dan il-Qorti ser titratta kif xieraq mal-imputat;

Izda kif stqarr l-imputat quddiem din il-Qorti, wara li huwa kien ha lil ibnu naturali f'post fil-fehma tieghu sigur, huwa mar ma' habib tieghu f'bar fejn ikkunsmaw xi zewgt'ifliexken birra. Appena rritorna d-dar sab zewg pulizija wara l-bieb tieghu li kienu qeghdin hemm ghassa tieghu f'kaz li jirritorna wara li l-pulizija kienu ordnaw tfittxija ghalih. Malli waqqaf il-vettura tieghu, wiehed mill-pulizija hargu bil-goff u l-imputat kellu flixkun tal-birra f'idejh ghaliex skond hu hija abbitudini tieghu li ma jhallix flixkem tal-birra fiha minhabba r-riha. L-Pulizija haseb hazin u kien aggressiv mieghu u l-imputat ttanta jahrab izda minghajr success u l-imputat kien manettjat. Fi kliem il-persuna li kien fil-kumpanija tal-imputat f'dak il-hin fl-istess vettura, malli l-imputat fetah il-bieba, l-pulizija tefghuh mal-art u qalulu li jridu ghaxra bhalu. L-imputat kien ezaminat medikament u rrizulta li kellu selhiet superficjali f'minkbejh it-tnejn u girfiet madwar il-polz tal-lemin aktar mill-manetti;

Issa kif inhu palezi, huwa ta' importanza f'kazi bhal dawn li jkun determinat x'waqqaf lill-imputat mill-esekuzzjoni tad-delitt li f'dan il-kaz kien sewqan ta' vettura fid-direzzjoni tal-pulizija bl-iskop li jikkagunalhom griehi ta' natura gravi. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tinoltra fuq l-element tal-attentat ta' delitt meta l-fatti ma juru xejn minn dan. Ghad in-numru kbir ta' akkuzi dedotti kontra l-imputat, ma ngiebet l-ebda prova ta' sewqan perikoluz, bla licenzja, bla polza ta' assikurazzjoni, fi stat intossikat. Dawn ir-rejati kollha kienu jirrikjedu prova preciza ghall kull wahda minnhom. Anke jekk per ezemplari jittiehed kaz ta' wiehed minnhom biss, dak ta' sewqan bla polza ta' assikurazzjoni jew licenzja valida, huwa naturali li kien jokkorri lill-prosekuzzjoni tressaq ufficjal mid-dipartment tal-licenzji biex almenu jixhed dwar jekk l-imputat jew il-vettura humiex debitament licenzjati izda anqas dan ma kien

kontemplat mill-prosekuzzjoni. Hija din wahda mir-ragunijiet ghaliex il-Qorti hija mhassba dwar kemm verament dan l-incident sehh kif deskritt mill-prosekuzzjoni. Tajjeb li tkun riprodotta proprju l-ewwel nifs tad-deposizzjoni tal-ufficjali prosekutur meta ddepona f'dan il-kaz: *Sur Magistrat jien kull ma xtaqt nghid, jien nista' nghid li –* **Omissis–** *kkopera hafna mal-pulizija ghalkemm domna mill-11.00am sat-8.00pm nippruvaw naghmlu diversi trattativi sa fl-ahhar hu baxxa rasu u mar u gab lit-tifel l-ghassa huwa stess. Dik li nixtieq nghid jien;*

Ezaminati bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, l-Qorti hi tal-fehma illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ma jirrizultawx hlief ghad-9, 10 u 21 (enumerazzjoni fl-akkuza hija zbaljat ghaliex in-numru 7 u 8 huma ripetuti). Ghalhekk l-imputat qed ikun liberat mill-akkuzi hlief ghal dawk numru 9, 10 u 21 igifieri dawk relevanti ghat-tehid tal-minuri u tal-ksur tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u ta' dawn ser ikollu jerfa r-responsabbilita' ghaliex kif gia accennat mill-Qorti l-imputat ghamel hazin meta ha l-ligi f'idejh billi ha lil ibnu minuri kontra l-volonta' espressa ta' min kellu l-kura u kustodja tieghu. Ghallekk il-Qorti qed issibu hati talli '*xjentement gieghel, hajjar jew ta' ghajnuna jew b'xi mod iehor ghen jew assista lil* **–Omissis–** *ta' disa' snin, biex jahrab jew biex ikun, jew biex jibqa' nieqes mis-Saint Patrick School, Triq San Gwann Bosco, Sliema*', u talli '*seraq, b'qerq jew b'seduzzjoni, lill-imsemmi* **–Omissis–** *li huwa persuna minuri taht l-eta' ta' tmintax-il sena, li kienet taht is-setgha tal-genituri, jew ta' tuturi, jew taht hsieb haddiehor, jew f'lok t'edukazzjoni*'. Konsegwenza ta' dan isegwi li l-imputat kiser il-provvediment tas-sentenza tat-18 ta' Gunju 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fejn kien liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor fi zmien tlett snin minn dakinhar.

Wara li rat l-artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 u 22 tal-Kap 446;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Il-Qorti qed terga' tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------